TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Cassar

vs

A&A Car Imports

CCT 119/21/MS

19 ta' Ottubru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fit-23 ta' Lulju 2021 fejn talab is-somma ta' €1,690.00, u dan wara li xtara karozza Toyota minghand l-azjenda intimata, liema karozza ma kienx fiha sistema ta' navigazzjoni (Satnav GPS) skond il-ftehim originali.

Ra li l-azjenda intimata ma ghamlitx risposta, pero' l-intimat Jean Paul Scicluna thalla jixhed quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara karrozza Toyota C-HR ghal-prezz ta' tlieta u ghoxrin elf u seba mitt Euro ( €23,700 ). Qabel ma xtraha, mar fuq il-website tal-kumpanija intimata biex jara l-ispecifcations u fosthom kien hemm Sat Nav (GPS). Ftit gimghat wara li xtraha, pprova jaccessa s-sistema izda kien kollu ghal xejn. Kif ra hekk, mar lura ghand id-*dealer* biex jara kif tahdem is-sistema, izda wara li będą jaghfas xî buttuni l-intimat qal li ma kienx jaf ezatt kif jaghmilha, izda assigurah li kull ma kien hemm xi *settings* u kien ser jara dawn x'kienu. Wara ftit xhur, mar lura u l-intimat rega' prova jaccedi s-sistema izda minghajr success. Ir-rikorrent ghalhekk ibbukkja l-karrozza mal-agent tat-Toyota biex jiccekjaw kif jahdem il-GPS u tawh stima ta' elf sitt mija u disghin Euro. (JC2). L-intimat irrifjuta li jhallas u offrielu li jnaqqaslu mitt Euro mill-bilanc tal-prezz.

Illi xehed ukoll Jean Paul Scicluna li kkonferma li kien biegh karozza lir-rikorrent fit-8 ta' Gunju 2020 u esebixxa l-ftehim in kwistjoni. Qal li hu qatt ma weghdu li kien ser jirrangalu l-GPS u li kieku kien hekk, dan kien jirrizulta mill-ftehim. Ighid li r-rikorrent spezzjona l-vettura qabel ma haha u kien sodisfatt. Ikkonferma li r-rikorrent kien saqsieh fuq il-GPS, pero' ighid li l-karozza kienet harget minghajr GPS. Qal li meta r-rikorrent staqsieh fuq il-GPS, ra buttuna fuq l-iscreen u ra kif seta' ighinu, pero' qatt ma kkommetta ruhu. Ikkonferma illi huwa kien lest li jaqtaghlu xi haga mill-bilanc li kien fadal. Ikkonferma wkoll illi l-brejkijiet tal-karozza kienu marru u kien lest li jaqta' mitejn euro fuq il-bilanc biex jaghlaq il-kaz.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' ftehim datat 8 ta' Gunju 2020 ir-rikorrent xtara karozza Toyota C-HR minghand l-intimat/azjenda intimata ghal prezz ta' 23,700. Hallas depozitu ta' 10,000 u ftehmu fuq il-bilanc li kellu jithallas f'zewg pagamenti - ta' €13,500.00 u €200.00.

Illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrent qed jitlob is-somma ta' elf sitt mija u disghin Euro, prezz ta' sistema tas-Sat-Nav li kellu jkun inkluz bhala *feature* tal-karozza, liema sistema ma kenitx tiffunzjona.

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu numru ta' dokumenti ( JC1, 2, 3 u 4). JC1 mehuda mill-*website* tal-azjenda intimata, huwa elenku tal-ispecifications tal-karozza mertu tal-kawza, u fost dawn hemm imnizzel GPS. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jifhem kif l-intimat qed ighid illi l-karozza ma hargitx bil-GPS, jekk dan kien imnizzel f'dan l-elenku. Dan id-dokument jelenka diversi features ohra bhalma huma 'Electric Windows, DAG digital radio, power steering, alloy wheels, air condition u numru ta' features ohra, li r-rikorrent kellu d-dritt ghalihom. Jekk il-karozza harget minghajr GPS, dan missu gie a konjizzjoni tar-rikorrenti u missu tnizzel fil-ftehim. Gialdarba ma kien hemm xejn, allura r-rikorrent kellu ragun jinsisti ghal dan il-feature. Irrizulta mill-provi, illi r-rikorrent sfess staqsa ghal dan il-feature, u l-intimat assigurah illi l-GPS kienet tiffunzjona u kellu bzonn jaghmel xi update tas-setting. Meta l-intimat ma rnexxielux jaghmel dan, offrielu li jnaqqaslu mitt Euro mill-bilanc li kien fadal ghal GPS, pero' r-rikorrent ma accettax ghaliex hu kien mar ghand l-agent u sar jaf li kienet tiswa hafna iktar.

Ikkunsidra

Illi l-intimat qed jargumenta li r-rikorrent kien spezzjona l-karozza u iffirma l-ftehim, hu ghalhekk dan kien ifisser li kien sodisfatt bil-karrozza, pero' t-Tribunal ma jaqbilx. Ir-rikorrent xtara karozza li kellu jkun fiha GPS. Meta induna li dan ma kienx jahdem mar lura ghandu u ghamilha cara mal-intimat illi kien qed jippretendi illi jinghata sistema ta' GPS kif kien gie imwieghed. L-intimat ghal-ewwel qallu li kellu jaghmel update,

umbaghad meta ma rnexxielux qallu li kien ser jaqtaghlu mitt Euro mill-bilanc, minghajr ma gab l-ebda prova ta' kemm tiswa GPS u iktar u iktar, kemm kienet tiswa l-installazjoni. GPS li ma tistax tuzah ma jiswa xejn - ir-rikorrent kellu dritt ghal sistema ta' GPS fil-karozza, u mhux sempliciment ghal GPS. L-intimat kien fil-liberta' kollha illi jinstallalu l-GPS pero' dan m'ghamlux.

Ir-rikorrent, min-naha tieghu, ipprezenta Dok JC2 datat 27 Mejju 2021 li fih 'estimate' tas-sistema in kwistjoni fejn hemm indikat prezz totali ta' 1669.72.

Illi tenut kont illi dan huwa stima u tenut ukoll illi jidher illi l-intimat naqaslu mitt euro mill-bilanc li kien fadal, it-Tribunal ihoss illi ghandu jkun hemm ridozzjoni fl-ammont pretiz u qed jiffissa dan, arbitrio bono viri fl-ammont ta' elf u hames mitt euro.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrent u jordna l-azjenda intimata tirrifondilu s-somma ta' elf u hames mitt Euro. Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru